# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' April, 2001.**

**Numru 1**

**Citaz. Nru. 483/01GV**

**Vivian Corporation Limited**

**vs**

**Super Master Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' tmient elef sitt mija u hmistax il-lira Maltin u tmienja u sittin centezmi (Lm8,615.68) bilanc ta' somma akbar, prezz ta' merci lilha mibjugha u konsenjati skond il-kont hawn anness markat Dokument A;

Premess illi minkejja interpellata thallas dan l-ammont, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici, ghar-ragunijiet premessi talbet lil din il-Qorti:

1. Taqta' u tiddecidi l-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 u cioe' bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmient elef sitt mija u hmistax il-lira Maltin u tmienja u sittin centezmi (LM8,615.68) dovuta kif fuq intqal;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ Sekwestru numru 849/01 u bl-imghaxijiet legali mid-19 ta’ Jannar, 2001 kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta’ konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta’ Stephen Gatt;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddecidi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**